

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Novembru 2012

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Studju Internazzjonali  
dwar il-Ġuta fir-rigward tan-negozjar ta' termini ta' referenza ġodda għal wara l-2014**

(2012/730/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u (4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/312/KE <sup>(1)</sup>, il-Ftehim li jstabilixxi t-Termini ta' Referenza tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta, 2001 ("il-Ftehim") ġie approvat fisem il-Komunità Ewropea.
- (2) It-termini ta' referenza ta' bħalissa jiskadu fit-30 ta' April 2014 u l-kwistjoni tal-ftuħ tan-negozjati għat-tiġdid ta' dawn it-termini ta' referenza se tiġi diskussa fil-15-il sessjoni tal-Kunsill tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta li se ssir f'Diċembru 2012.
- (3) It-tiġdid tal-Ftehim imsemmi hawn fuq mhux jinteressa l-Unjoni.

### Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni, fil-grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta għandha tkun li tivvota kontra li jinfetħu n-negozjati għat-tiġdid tat-Termini ta' Referenza lil hinn mill-2014.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

A. D. MAVROYIANNIS

<sup>(1)</sup> ĠU L 112, 27.4.2002, p. 34.